# L-Istemma Oriġinali tal-Gżira

Joseph Ian Attard









F'Ottubru 2006 waqt il-kunċert li bih fakkarna il-ħamsin sena ta; l-INNU GRANDJUŻ LIL SIDNA MARIJA TAL-KARMELU, mużika tas-Surmast CARMELO G. BORG (1925 - ) u lirika ta' PATRI MATTEW SULTANA O.F.M. Cap. (1918 – 1986), il-Baruni KELINU VELLA HABER irregala lill-Każin tal-Banda MOUNT CARMEL l-istemma u d-Digriet oriġinali mid-Dar Irjali ta' ARAGONA. Infakkar li f'nofs is-sittinijiet tas-seklu l-ieħor kien hawn qawmien ta' sens ċiviku, tant li f'diversi lokalitajiet twaqqfu KUNSILLI ĊIVIĊI. Dawn il-kunsilli ċiviċi ma kellhomx fondi u wisq inqas setgħa, imma kienu strumentali biex iressqu talbiet lill-Gvern ċentrali għall-ġid tal-Komunita'. Per eżempju ġol-Gżira kellna ġnien pubbliku, iżda qatt ma kellna BANDLI u kien il-Kunsill Ċiviku tal-Gżira li talab lill-M.P.F.A. (Malta Playing Fields Association) biex jitwaħħlu l-bandli ġol-ġnien. Dawn il-bandli tbierku mill-Kappillan KAN. DUN ĠUŻEPP THEUMA (1931 – 1989) fl-1968. Tajt dan l-eżempju biex napprezzaw il-ġid li għamel l-ex Kunsill Ċiviku tal-Gżira. Kull belt u raħal kellu l-arma (stemma) tiegħu, iżda l-GŻIRA ma kellniex, kemm għax lokalita' reċenti u nibża' wkoll ngħid minħabba l-istigma tal-prostituzzjoni li kellna. Kien wasal iż-żmien li l-lokalita' tagħna jkollha l-Istemma (arma ċivika) tagħha. Dak iż-żmien il-Kunsill Ċiviku kien immexxi mis-SUR PAUL BORG (għalliem) u segretarju kien il-Baruni KELINU VELLA HABER. Dan ta' l-aħħar, permezz tal-kuntatti internazzjonali, irnexxielu jikseb il-Patroċinju Illustri tal-Familja Rjali Aragonża. Matul il-laqgħa tal-4 ta' JANNAR 1970 il-

Kunsill Ċiviku unanimament qabel li s-Segretarju tal-Kunsill il-Baruni Kelinu Vella Haber, kellu l-inkarigu li jikseb l-istemma mid-Dar Rjali Aragoniża. Nhar il-festa liturġika ta' SANT' AGATA Verġni u Martri, il-5 ta' FRAR, 1970, DON ROBERTO II PATERNO' AYERBE ARAGONA tana l-permess tad-Dar Irjali Aragoniża, biex il-GŻIRA ġġib l-istemma Rjali wkoll. Dan il-Permess Irjali huwa reġistrat fl-Atti (Riġistru) Rjali u jġib in-numru 1251 RG. L-istemma propja tal-GŻIRA hija hekk: sfond kulur id-deheb, b'4 pali ħomor, b'delfin, imsieħba fir-ras b'xini sewda bil-qlugħ miġbura. Fuq l-istemma hemm il-kuruna TURRITICA li tissimbolizza Kuruna Ċivika. Nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu 1970 ġie fostna l-Konti de VALLDEMOSA, CHARLES ROY McKINNON of DUNAKIN (LAIRD ta' SKYE) biex f'isem Don ROBERTO II jippreżenta l-istemma l-ewwel darba, quddiem il-ġurnalisti lokali ġewwa l-Kennedy Hotel, il-Gżira. Aktar tard, fl-lejlet il-festa, fuq iż-żuntier tal-knisja saret ċerimonja oħra simbolika. Fil-11 ta' LULJU 1970, il-poplu tal-Gżira reġa' laqa' personaġġ illustri ieħor. Dan kien il-WISQ NOBBLI KONTI KENNETH B. BENFIELD de PALMANOVA minn Coventry, ir-Renju Unit. Dan il-personaġġ ġie apposta għal-JUM IL-GŻIRA biex jirċievi ċ-Ċittadinanza ta' l-Unur tal-Belt tal-Gżira li ġie mogħti lil Don ROBERTO II bħala rikonoxximent ta' l-Istemma Rjali Aragoniża. Kollox ġie rreġistrat permezz tan-Nutar Dottor PAUL PULLICINO. Il-mibgħut ta' Don Roberto II kkonċeda li min jokkupa l-kariga ta' president tal-Kunsill Ċiviku, jkollu l-unur li jkun jissejjaħ KAVALLIER GRAN CRUC ta' l-Ordni Militari tal-Kullar ta' Sant' Agatha. Rajna ħafna nobbli u ismijiet li llum naħseb li ntesew. Pero' jibqa' l-fatt li għall-GŻIRA kienet paġna glorjuża li m'għandhiex tintesa bl-iskuża tal-ħajja mgħaġġla u moderna. Dak li seħħ fl-1970 huwa damma ta' ġrajjiet li poġġew il-lokalita' tagħna fuq sisien li jixirqulha. Ħafna mill-protagonisti ta' din il-ġrajja għaddew għall-ħajja ta' dejjem, imma l-Baruni Kelinu Vella Haber għadu ħaj mimli bl-għomor. Għalhekk il-President tal-Banda, is-Sur Joseph Spiteri, waqt laqgħa mal-Baruni, ġie deċiż li l-Istemma għandha tingħata







lis-Soċjeta Mużikali Mount Carmel. Kien ġest sabiħ li l-Baruni emmen fil-Każin tal-Banda, tant li jkollu l-kustodja ta' dan id-dokument illustri għall-Belt tal-Gżira. Jien personalment insistejt mal-Kumitat li dan id-dokument għandu jiġi wkoll irreġistrat ħalli nserħu moħħna li dan jinżamm b'għożża għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin.



Iż-żmien jgħaddi u ma jaħfirha lil ħadd. Pero' żgur mhux se jnissi l-eżempju ħaj tal-Baruni Kelinu Vella Haber. Dan il-bniedem li tant huwa nvolut f'diversi oqsma, għadu ħaj u għadu ħabrieki f'eta' venerabbli. Ippermettili mill-pinna fqajra tiegħi ngħidlek GRAZZI għażiż Baruni. Dak li tajt lill-GŻIRA tagħna flimkien ma' tant xogħol u tħabrik tiegħek għalina ma jintnesa qatt. GRAZZI, nerġa' ngħidlek, għażiż Baruni. Nibqgħu grati lejk u qabel ma nagħlaq nawguralek AD MULTOS ANNOS.




